MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 29/2014

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta:

1) Illi huwa zzewweg lill-intimata C B, detentrici tal-karta tal-identita numru 95266M, fid-disgha (9) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u wiehed u disghin (1991) fil-Knisja tal-Madonna tal-Herba gewwa Birkirkara, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta'

Malta bin-numru tmienja, tlieta, zbarra elf disa' mija wiehed u disghin (83/1991), u dan kif jirrizulta minn vera kopja tac-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A';

2) Illi l-kontendenti partijiet xoljew u llikwidaw il-komunujoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni pesonali permezz ta' Kuntratt ta' Separazzjoni li kien gie ippubblikat min-Nutar Dottor Marco Burlo' fl-ghaxra (10) ta' Awwissu tas-sena elfejn (2000), vera kopja fotostatika qeghda tigi hawn anness au mmarkata bhala Dok 'B';

3) Illi l-Kuntratt ta' Separazzjoni de quo gie varjat u mibdul permess ta' att pubbliku in atti Nutar Dottor Sylvana Borg Caruana tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), vera kopja fotostatika qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. C;

4) Illi mill-imsemmi zwieg l-istess partijiet kellhom tlett (3) itfal u l-istess ulied kif ukoll l-intimata qeghdin jircievu manteniment adegwat fil-konfront taghhom u li ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi kwalsiasi obbligu ta' manteniment gew effettivament regolati fl-istess Kuntratt ta' firda personali ippubblikat min-Nutar Dottor Marco Burlo' fl-ghaxra (10) ta' Awissu tas-sena elfejn (2000) u konsegwentement ma tezisti ebda kwistjoni f'dan ir-rigward;

5) Illi r-rikorrenti ddiskuta mal-konsulent legali tieghu, hawn sottofirmata, il-possibilita' ta' rikonciljazzjoni taz-zwieg odjern u kkonkluda li m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni;

6) Illi skont kif jindika l-Kuntratt hawn anness u mmarkat bhala Dok. B, illum il-gurnata ghaddew aktar minn erbgha (4) snin mid-data tas-separazzjoni legali tal-kontendenti partijiet;

7) Illi in vista ta' dak premess, jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mill-Ligi ghall-hall taz-zwieg odjern u ghad-divorzju tal-partijiet;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

a) tiddikjara z-zwieg odjern mahlul u sussegwentement tippronunjza li l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti kollha tal-ligi, u

b) tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jirregistrah skont il-Ligi fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta’ Marzu, 2014;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma ipprezentatx risposta u ma dehritx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-10 ta’ Awissu 2000;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------